MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
ELLUL ANTHONY**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1196/2002/1

**Emanuel Ciantar**

**Vs**

**Carmel Scerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u erbghin lira Maltija (Lm340) hlas ta’ danni sofferti f’incident tat-traffiku li sehh fit-23 ta’ Jannar 2002 fl-airport roundabout, Gudja meta Carmel Scerri kien qieghed isuq il-vettura Leyland Daf AAA 229 propjeta ta’ Francesco Schembri u habat gol vettura Daewoo Racer bin-numru BAB 786, u ghal liema incident huwa responsabbli l-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jidher ghas-seduti u jikkontesta l-kawza.

Semgha lill-attur jixhed dwar il-mod kif sehh l-incident, minn liema xhieda m'hemm l-ebda dubju li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza.

Ra d-dokumenti li gew ezebiti mill-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u erbghin lira Maltija (Lm340), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenut.

Avukat Dr. Anthony Ellul
Gudikatur.